KLR 59/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 18 ta' Jannar 2018 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membru Anthony Briffa.

**59.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

Il-Kusillier Debrincat qajjem punt rigward is-suġġeriment għall- *rumble strips* fil- bidu ta' Triq Vajrinġa. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jikteb lil J. Debrincat Ltd. u jistaqsi x'inhuma r-raġunijiet għaliex ma jaqblux li jsiru dawn ir-*rumbe strips*.

**59.2 Mozzjoni f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 21 ġiet imressqa mill-Kunsillier Buttiġieġ u sskondata mill-kunsillier Debrincat.

**Mozzjoni numru 21**

**Permezz ta' din il-mossjoni li qiegħed nissottmetti:**

**Niġbed l-attenzjoni li waqt laqgħa tal-kunsill tressqet talba minn artista żagħżugħa biex tiżboħ xi kliem kontra l-vjolenza. Bi qbil fil-kunsill, bank wieħed kellu jinżebaħ u mhux tnejn ħdejn l-iskola primarja tal-Vajrinġa. Waqt il-laqgħa ikoll kemm aħna qbilna li l-vjolenza qatt ma għandha tiġi tollerata u l-kunsill ma jsib l-ebda' oġġezzjoni li artista żagħżugħa tiżboh bank mingħajr ma ssemmi ismijiet ta' persuni. Ġie nnutat li flok bank wieħed inżebgħu tnejn u nkiteb l-isem ta' Daphne Caruana Galizia 16/10/2017.**

**Għaldaqstant qiegħed nitlob li l-kliem ta' DCG u d-data mniżżla jitneħħew immedjatament.**

Il-proponent qal li meta tressaq is-suġġeriment ma ssemmiex li ser jitniżżlu ismijiet u dati mal-bank u lanqas li ser jinżebgħu żewġ bankijiet kif filfatt sar. Tenna li l-Kunsill jista' jiżboh bank għal kull min jinqatel. Hu jemmen li l-post fejn saru, quddiem l-iskola primarja, lanqas huwa post xieraq. Buttigieg qal li DCG u d-data għandhom jitneħħew.

Is-sekondant qal li kieku ssemma li ser jinżebah l-isem minn qabel, il-kunsilliera f'isem Partit Laburista kienu joġġezzjonaw. Debrincat qal li huma stqarrew li l-vjolenza m'għandiex tkun, pero' jħossu li l-artista żvijat il-Kunsill billi ma ppreżentatx minn qabel x'kellha ġo moħħha.

Is-Sinkdu qal li mhuwiex favur il-mozzjoni. Hu qal li l-membri tal-Kunsill ġew avżati li ser jinżebah bank quddiem l-iskola primarja. Qal li l-artista riedet tiżboh ukoll il-madum ta' taħt il-bank pero' hu ssuġġerixxa li minflok issir xi żebgħa ma' l-art jintużaw żewġ bankijiet. Is-Sindku qal li ħalla f'idejn l-artista fir-rigward tal-mod ta' kif eżatt għandhom jinżebgħu l-bankijiet. Filfatt dak li tpitter kien frott l-idejat ta' l-artista stess. Tenna li fil-passat qatt ma tressqu proposti biex jinżebgħu bankijiet oħra li jikkomemoraw persuni maqtula. Is-Sindku tenna li kien informa lil kulħadd permezz ta' emejls liema emejls ittellgħu fil-laqgħa ta' qabel u fl-istess emejls il-kunsillier Anthony Briffa kien wera biċ-ċar id-disens tiegħu fejn indika b'mod ċar bank simili li kien inżebaħ fin-Naxxar mill-istess artista. Għaldaqstant is-Sindku jħoss li kulħadd kien jaf li ser tisemma Daphne Caruana Galizia.

Il-kunsillier Tabone staqsa jekk fl-uffiċċju tal-kunsill daħlux ilmenti rigward il-fatt li nżebgħu dawn il-bankijiet. Is-Segretrju Eżekuttiv għarrfet lill membri li daħal ilment wieħed li kien jgħid li dawn il-bnakijiet ma messhomx inżebgħu quddiem l-iskola primarja.

Is-Sindku qal li jrid jittieħed vot fuq din il-mozzjoni, liema vot kien hekk:-

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-membri Portelli u Tabone vvutaw kontra u l-membri Debrincat u Buttigieg vvutaw favur. Għalhekk kien hemm erba' voti kontra u tnejn favur bir-riżultat li l-mozzjoni m'għaddietx.

Il-membru Buttigieg qal li ġie żvijat mill-artista u ma jħossx li għandu jkompli bil-laqgħa u ħareġ mill-kamra.

## 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 <u>Karnival</u>

Is-Sindku ressaq talba li qed issir minn naħħa tal-Minsteru għal Għawdex fejn qed jipproponu li l-karrijiet tal-Karnival ikunu jistgħu jerġgħu jgħaddu minn Pjazza Inidpendenza u li jkunu jistgħu idawru fi Pjazza Savina. Biex isir dan iridu jitmexxew żewġ fanali, wieħed fit-Tokk u l-ieħor fi Pjazza Savina u parti mis-*central strip* ta' Pjazza Savina ssir livell mat-triq.

Is-Sindku qal li kellu diversi laqgħat fuq dan. Qal li l-problema ta' Pjazza Savina ma nħolqitx minħabba s-*central strip* iżda minħabba l-proposta biex titwessa l-bankina quddiem l-*isnack bar* ta' maġenb il-Knijsa. Din kienet ġiet proposta wara li sar id-disinn oriġinali tal-

bankini ta' din il-pjazza. Minn naħa tal-Ministeru proponew li l-*island* ta' Pjazza Savina titneħħa kollha imma s-Sindku ma jaqbilx minħabba l-ilma tax-xita u minħabba l-monti.

Dwar it-Tokk hemm il-kwistjoni tal-fanal fejn il-vari ta' San Ġorġ u l-Vara l-Kbira jgħaddu, iżda l-karrijiet ma jgħaddux. Minħabba kwistjoni ta' sigurta' dawn il-fanali huma ngastati taħt l-art diversi piedi u għaldaqstant mhux vijabbli li dan joqgħod jinqala u jerġa jitpoġġa. Pero' jista' jersaq.

Wara diskussjoni l-membri qablu li:-

- Fi Pjazza Indipendenza jitressqu l-ewwel żewġ fanali (tan-naħħa tal-Banca) u jitpoġġew qrib aktar lejn is-siġar. Hekk jibqgħu fis-simetrija tal-fanali l-oħra.
- Fi Pjazza Savina parti mis-*central strip* tiġi livell mat-triq u jitressaq il-fanal.
- Ix-xogħol kollu għandu jsir taħt is-superviżżjoni tal-Perit tal-Kunsill.
- Il-fanali għandhom biss jintmessew mill-kuntrattur tal-Kunsill minħabbba l-garnazija li hemm fuqhom.
- Dan ix-xogħol għandu jsir wara li l-Ministeru għal Għawdex jiddikjara bil-miktub li ser iħallas l-ispejjes kollha relatati.

59.3.2 <u>Pjazza Santu Wistin</u>

Is-Sindku għarraf lill membri li fl-*Urban Improvement Fund* (UIF) li hu fond tal-Awtorita' tal-Ippjanar sal-31 ta' Novembru 2017 kien hemm bilanċ ta' €1,210,536.68. Hu suġġerixxa li l-Kunsill japplika biex minn dawn il-fondi titranġa Pjazza Santu Wistin. Il-membri qablu ma dan u għandu jinbeda l-proċess. Qablu wkoll li l-ispazji tal-parkeġġ, li fiha ma jiġix mittiefes.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

59.3.3 il-Qorti tal-Maġistrati fejn Antoine Debrincat ressaq ilment rigward l-'*Call for Quotations for the Provision of a Sound System for New Year's Eve Activity 2017' – VLC/06/2017*. Il-Kunsill għażel l-orħos offerant, pero' Debrincat qed jilmenta li x-xogħol li ġie porvdut ma kienx skond l-ispeċipikazzjonijiet elenkati fid-dokument tal-kwotazzjoni. Il-Kunsill għandu jieħu l-parir tal-Avukat;

59.3.4 Jean Paul Zerafa li hu wieħed milli tefa' l-prezz sabiex jarma t-tined għall-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena. Dan ilmenta li l-kumpanija li l-Kunsill għażel biex toffri dan is-servizz, armat it-tinda ta' Pjazza Indipendenza b'qies iżgħar minn dak speċifikat fl-offerta. Is-Sindku kien qabbad il-ħaddiema tal-Kunsill sabiex ikejlu t-tinda u rriżulta li kienet 5 metri inqas minn dak mitlub. Il-membri qablu li l-Kunsill iħallas pro-rata ta' dak li ntrema;

59.3.5 il-Kunsillier Briffa fejn qal li ma setax jattendi għall-laqgħa tal-llum u żied li hu favur il-mozzjoni mressqa f'din il-laqgħa mill-membru Buttigieg;

59.3.6 Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) rigward laqgħat ta' nformazzjoni lill-għaqdiet u organiżżazzjonijet volontarji fejn jiġu spjegat opportunitajiet ta' għajnuna lill-dan is-settur. Il-membri qablu li tiġi organiżżata din il-laqgħa fis-sala tal-Kunsill;

59.3.7 il-Perit tal-Kunsill fejn ta dettalji rigward l-isqaq numru 1 fi Triq Librerija. Dan l-isqaq hu pubbliku u l-Kunsill għarraf lil-Avukat Angele Formosa li kitbet għan-nom ta' Maria Pace wara li deher li qed isir xi żvilupp minn terzi fuq ħnejja li tinsab f'dan l-isqaq.

59.3.8 Thomas Xerri ta' Xerri's Garden Xerri li hu l-kuntrattur li ħa x-xogħol tal-*bollards* ta' Pjazza Indiepndenza. Hu bagħat ritratti fejn juru ħsarat li ġew ikkawżati fuq dawn il-*bollards* minn vetturi li jipparkjaw f'din il-Pjazza;

59.3.9 Joseph Micallef, President tal-Oratory Youths F.C. fejn talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jgħin f'*tournament* internazzjonali tal-futbol li ser isir fi Sqallija. Billi għal din is-sena l-appilkazzjonijiet għal-fondi tal-Unjoni Ewropea huma magħluqa, il-Kunsill għandu jissuġġerixxi li jissottometti applikazzjoni sabiex dan il-klabb jipparteċipa f'dan it-*tournament* fis-sena 2019;

59.3.10 Daniel Sultana li qed jitlob li jitneħħew żewġ bozzoz minn mal-faċċata ta' propjeta' tiegħu li tinsab fi Triq Palma kantuniera ma Triq Mons. Ġużeppi Farrugia. Il-membri qablu li ma jiġux approvati aktar li jitneħħew bozzoz minn ma propjetatjiet dment li danw ma jkunux jikkawżaw ħsara.

59.3.11 l-Av. Joshua Grech li kiteb żewġ ittri għan-nom ta' Tiġrija Palazz fejn qed jgħid li mill-latrina ta' Triq Taħt Puritjal qed jidħol l-ilma fil-kantina ta' dan il-bini. Il-Kunsill bgħat kemm 'il dara bajjad u anke' lill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill sr jara eżatt minn fejn hu ġej l-ilma;

59.3.12 Camilla Appelgren rigward n-*National Spring Clean Up on Earth Day* 2018. Il-membri qablu li jindafu Wied Żejta u Wied Sara;

59.3.13 diversi emejls mingħand Dr. Chris Said li qed jikteb għan-nom ta' Joe Cassar sid il-ħanut 'Colours' fi Pjazza Savina u anke' r-risposti tal-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku ħareġ mill-kamra waqt li keinet qed tiġi diskussa din il-metarja. Ta' min jinnota li l-Kunsill mhux ser isib oġġezzjni sbiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut dment li dawn ma jkunux jikkonflinġu mal-pjan tal-Monti. Qabel jingħata kwalunkwe *no objection* il-Kunsill irid jara l-pjanta li turi fejn qed jiġi propost li jitpoġġew l-imwejjed u siġġijiet, sabiex b'hekk ikun jista' jagħti l-posizzjoni tiegħu b'mod ċar;

59.3.14 mingħand l-*Agricultural and Rural Payments Agency* (ARPA) fejn il-Kusill ġie mgħarraf li rigward M313, it-tieni sejħa, l-ARPA ser terġa tiddepożita fondi li l-Kunsill irid jerġa jgħaddi lil din l-aġenzija. Dan minħabba kwistjonijet amministrattivi tal-ARPA.

**59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

59.4.1 tlesta ż-żbir tas-siġar ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex;

59.4.2 ser issir laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Ministru għal Għawdex rigward il-proġett ta' Pjazza San Franġisk. Din nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar 2018 fil-11.00;

59.4.3 daħalu l-€25,000 li kien il-bilanċ li għad irid jidħol fir-rigward tal-ko-finanzjament mill-Gvern Ċentrali fuq il-proġett tal-ERDF.

**59.5 Estmi 2018**

Tressaq draft tal-estmi għas-sena 2018 u dan ġie approvat skont dokument A anness. L-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali għal din is-sena hi ta' €549,237 li hi €22,571.00 aktar mis-sena 2017.

**29.6 Laqgħa tal-Lokalita' 2018**

Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2018 fis-19.00.

**59.7 Monti**

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-preżenti li diversi bejjiegħa tal-monti resqu appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar.

**59.8 *Playing Field***

Il-membri qablu li jinġabbru stimi sabiex titpoġġa l-ħamirja fil-*playing field*.

**59.9 Pjazza San Ġorġ – tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet**

Il-Perit Edward Scerri ħejja pjanta draft li fiha t-tqassim tal-imwejjed u s-siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ. Il-membri qablu li s-sidien tal-ħwienet tal-*catering* li hemm f'din il-pjazza għandhom jiġu mistiedna sabiex jagħtu l-veduti tagħhom. Wara li tkun saret il-konsultazzjoni ma dawn l-i*stakeholders*, il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi fuq kif l-aħjar li din il-pjanta għanmdha titressaq għal-approvazzjoni ta' l-Awtorita tal-Ippjanar.

**59.10 Rilokazzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja**

Is-Sinkdu ried din l-item fuq l-aġenda sabiex jiġi dokumentat li wara li ssir ir-rilokazzjoni tal-Qorti t'Għawdex, li qed jiġi suġġerit li jsir fi Triq il-Pitkalija, liema triq tinsab eżatt mal-konfini tar-Rabat, l-istess Qorti ser jibqa' fil-Belt t'Għawdex.

**59.11 Skema ta' Toroq Residenzjali mill-Ministeru għal Għawdex ma tinkludix lir-Rabat, Citta' Victoria**

Wara li l-Ministeru għal Għawdex nieda skema fejn fiha Kunsilli Lokali Għawdxin ġew mogħtija fondi sabiex isiru toroq residenzjali bit-tarmak u wara li l-Kunsill Lokali tar-Rabat ġie eskluż minn din l-għotja, s-Sindku ssuġġerixxa li tinkiteb ittra lill-Minsitru għal Għawdex fejn il-Kunsill joġġezzjona għall-fatt li ġie eskluż. Il-Kunsill għandu toroq li l-Gvern Ċentrali għadu qatt ma ksihom bit-tarmak, fosthom Triq Ġorġ Pisani u parti minn Triq il-31 ta' Marzu. Il-Kunsill għandu jitlob li jingħata l-istess trattament kif ingħataw kunsilli oħra Għawdxin permezz ta' dawn il-fondi.

**59.12 Immaniġjar tat-Traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

59.12.1 *1m double yellow lines* maġenb il-garaxx ta' 'Skydome' fi Triq Ċetta Mintoff;

59.12.2 *1m double yellow lines* maġenb il-garaxx ta' 34, Triq Santa Dminka;

59.12.3 *double yellow lines* faċċata tal-garaxx ta' Carmel Attard fi Triq Għar Gerduf;

59.12.4 *1m double yellow lines* maġenb il-garaxxijiet fi Triq Wistin Camilleri kantuniera ma Triq Għajn Qatet.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għall:-

59.12.5 *un/loading bay* quddiem 'Casa Mia' fi Triq Ġorġ Borg Olivier;

59.12.6 *un/loading bay* quddiem *supermarket* li ser jinfetaħ fi Triq Fortunato Mizzi.

Il-membri qablu li :-

59.12.7 jintalab il-permess ta'TM sabiex isiru *bollards* minn Triq Palma għal Triq Aġius De Soldanis. Dan minħabba l-fatt li avolja hemm *double yellow lines*, xorta jiġu pparkjati vetturi illegalment bil-konsegwenza li jinħoloq ostakolu għall-pedonali;

59.12.8 l-parkeġġ riservat għall-peruni b'diżabilita' li hemm biswit il-knisja ta' Savina jiġi spostjat għall-wara l-monumnet ta' Dun Alwiġ Vella.

<u>Parkeġġi riservati għall-perunsi b'diżabilita'</u>

59.12.9 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Esther Grech, 32, Triq Għajn Qatet. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM.

59.12.10 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Giorgia Gatt, 'Santa Martha' Triq L-Arċisqof Pietru Pace. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM.

**59.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2018 skont dokument B anness.

**59.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018 fis-19.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |